

32005L0046

9.7.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 177/35

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/46/KE****tat-8 ta' Lulju 2004**

**li temenda l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE ġdak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwu għall-amitraz**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 fuq l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali (1) u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 fuq l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq ogħetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali (2) u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 fuq l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti li jinkludu frott u ħaxix (3) u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

BILLI:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/141/KE (4) ġie deċiż li s-sustanza attiva eżistenti *amitraz* ma tkunx inkluża f'Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE (5). Din id-deċiżjoni tipprovdi li prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva m'għandhomx ikunu aktar awtorizzati għall-użu fil-Komunità ħlief għal numru ta' użi limitati, fejn bħalissa m'hemmx alternattivi disponibbi (użi essenzjali).
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni kkwotata f'(1), ippermettiet perijodu li sa tmiemu l-użu kellu jispiċċa, u huwa xieraq li l-livelli massimi ta' residwu (MRL) ibbażati fuq il-kunċett li l-użu tas-sustanza kkonċernata mhix awtorizzata fil-Komunità, m'għandhomx japplikaw qabel it-tmiem tal-perijodu li sa tmiemu l-użu kellu jispiċċa li japplika għal dik is-sustanza.
- (3) Għall-MRLs ta' l-amitraz għar-residwi li jirriżultaw mill-użu mediciinali veterinarju kienu mwaqqfa fuq prodotti ta' l-annimali fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2377/90 (6). Huwa xieraq li dawn jitqiesu f'din id-Direttiva.
- (4) Il-MRL tal-Komunità u l-livelli rrakkmandati mill-Codex Alimentarius (7) huma ffissati u stmati skond proċeduri li jixxieħbu. Hemm numru limitat ta' MRLs fil-Codex għall-amitraz. Dawn kienu kkunsidrati fit-twaqqif tal-MRLs iffissati f'din id-Direttiva. MRLs tal-Codex li ser issir rakkmandazzjoni għall-irtirar tagħhom fil-futur qarib ma ġewx meqjusa. Peress illi l-MRLs ibbażati fuq il-MRLs tal-Codex kienu stmati fid-dawl tar-riskji għall-konsumaturi, l-ebda riskju ma kien stabbilit.

(1) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/37/KE (ĠU L 141, 4.6.2005, p. 10)

(2) ĠU L 221, 7.8.1986, pg. 43. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/61/KE (ĠU L 127, 29.4.2004, pg. 81)

(3) ĠU L 350, 14.12.1990, pg. 71. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/37/KE

(4) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)

(5) ĠU L 46 tas-17.2.2004, p. 35

(6) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2004 (ĠU L 326, 29.10.2004, p. 19).

(7) [http://apps.fao.org/CodexSystem/pestdes/pest\\_q-e.htm](http://apps.fao.org/CodexSystem/pestdes/pest_q-e.htm)

- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun protett b'mod xieraq milli jkun espost għal residwi li jirriżultaw minn użu mhux awtorizzat ta' prodotti tal-protezzjoni għall-pjanti, il-MRL għandhom jitwaqqfu għall-kombinazzjonijiet relevanti ta' prodott/pestiċida fil-limitu l-aktar baxx tal-kalkolu analitiku.
- (6) Għalhekk huwa neċċesarju li jinbidlu diversi residwi ta' pestiċidi li jinqalgħu mill-użu ta' l-amitraz fl-Annessi għad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE biex jippermettu sorveljanza xierqa u kontroll tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u biex jipproteġu lill-konsumatur.
- (7) L-annessi relevanti għad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati f'dan is-sens.
- (8) Il-miżuri maħsuba f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

F'parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE il-filliera li ġejja hija sostitwita:

Residwu fil-pestiċida	Livell massimu f'mg/kg
"Amitraz li jinkludi sustanzi ffurmati meħtieġa għall-metaboliżmu tiegħu li jkun fihom it-2,4-dimethylaniline moiety mfisser bħala amitraz	0.05 (*) ċereali

(\*) Jindika l-limitu l-aktar baxx tal-kalkolu analitiku."

#### *Artikolu 2*

F'parti B ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE l-fillieri li ġejjin huma sostitwiti:

Residwu fil-Pestiċida	Livell massimu (mg/kg)		
Tal-laħam, li jinkludi x-xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, il-ġewwieni u x-xaħmijiet ta' l-annimali kif imniżżla f'Anness I li fil-kodiċi NM jaqgħu taħt in-numri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u prodotti tal-ħalib kif imniżżla f'Anness 1 li fil-kodiċi NM jaqgħu taħt in-numri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	Għall-ħalib u prodotti tal-ħalib kif imniżżla f'Anness 1 li fil-kodiċi NM jaqgħu taħt in-numri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	Ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u isfra tal-bajd kif imniżżla f'Anness 1 li fil-kodiċi NM jaqgħu taħt in-numri 0407 00 u 0408
"Amitraz li jinkludi sustanzi ffurmati meħtieġa għall-metaboliżmu tiegħu li jkun fihom it-2,4 dimethylaniline moiety mfisser bħala amitraz	0.05 (*), Tjur		0,01 (*)

(\*) Jindika l-limitu l-aktar baxx tal-kalkolu analitiku."

#### *Artikolu 3*

Il-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi għall-amitraz fl-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE huma mibdula minn dawk fl-Anness ta' din id-Direttiva.

#### *Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, mhux aktar tard mid-9 ta' Jannar 2006, dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħaddu lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella komparativa bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-10 ta' Jannar 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi naz-zjonali li jadottaw fil-qasam li titkellem dwaru din id-Direttiva.

#### *Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

#### *Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għalihom il-MRL	Amitraz li jinkludi metabolites li jkun fihom it-2,4-dimethylaniline moiety mfisser bħala amitraz
<b>"1. Frott, frisk, immixxfew jew mhux imsajjar, ippreżervat permezz ta' l-iffriz, ma fihx zokkor miżjud; ġewż"</b>	0,05 (%)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	
Grejpfrut	
Lumi	
Lumi qares	
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajr qoxra)	
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Cashew nuts	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Macadamia	
Ġewż Amerikan	
Ġewż ta' l-arżnu	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
(iii) FROTT BIL-KARPELLI F'NOFSHOM	
Tuffieħ	
Lanġas	
Sfarġel	
Oħrajn	
(iv) FROTT BL-GĦADMA	
Berquq	
Ċirasa	
Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili)	
Għanbaqar	
Oħrajn	
(v) FROTT ŻGĦIR IMGERBEB BLA GĦADAM U FROTT ŻGĦIR	
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	
Għeneb tal-mejda	
Għeneb ta' l-inbid	
(b) Frawli (ħlief is-salvaġġ)	
(c) Frott tal-kannamiela (ħlief is-salvaġġ)	
Tut	
Ċawsli iswed	
Loganberries	
Lampun	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individuali li japplikaw għalihom il-MRL	Amitraz li jinkludi metabolites li jkun fihom it-2,4-dimethylaniline moiety mfisser bħala amitraz
(d) Frott żgħir u frott żgħir imgerbeb bla għadam oħrajn (ħlief is-salvaġġ)	
Mirtill	
Cranberries	
Passolini (ħomor, suwed u bojod)	
Ružberri	
Oħrajn	
(e) Frott imgerbeb bla għadam salvaġġ u frott salvaġġ	
(vi) MIXXELLANJI	
Avokado	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumquats	
Litchis	
Mangu	
Żebbuġ	
Frott tal-fjura tal-passjoni	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	
<b>2. Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef</b>	<b>0,05 (*)</b>
(i) ĦAXIX BL-GħERUQ JEW BIT-TUBERU	
Pitravi	
Karrotti	
Krafes	
Għerq tal-mustarda	
Artičiokks	
Zunnarija bajda	
Tursin	
Ravanell	
Sassefrika	
Patata ġelwa	
Swedes	
Ġdur	
Jam	
Oħrajn	
(ii) ĦAXIX TAL-BASLA	
Tewm	
Basal	
Basal tal-ġenuss Allium ascalonicum (shallots)	
Basal tal-ġenuss Allium fistulosum (spring onions)	
Oħrajn	
(iii) ĦAXIX TAL-FROTT	
(a) Solanaceae	
Tadam	
Bżar	
Brunġiel	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individuali li japplikaw għalihom il-MRL	Amitraz li jinkludi metabolites li jkun fihom it-2,4-dimethylaniline moiety mifisser bħala amitraz
(b) Cucurbits – bil-qoxra tittiekel	
Ħjar	
Ħjar żgħir	
Zukkini	
Oħrajn	
(c) Cucurbits – bil-qoxra ma tittiekilx	
Bettieħ	
Frott tal-pjanti tal-ġenuss <i>Cucurbita</i>	
Dulliegħ	
Oħrajn	
(d) Qamħ bil-qalba mimli zokkor	
(iv) ĦAXIX BRASSICA	
(a) Brassica li jagħmlu l-fjuri	
Brokkli	
Pastard	
Oħrajn	
(b) Brassica bir-ras	
Kaboċċi żgħar	
Head cabbage	
Oħrajn	
(c) Brassica bil-weraq	
Kaboċċi jixbhu l-ħass	
Kale	
Oħrajn	
(d) Kohlrabi	
(v) ĦAXIX BIL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI	
(a) Ħass u simili tiegħu	
Krexxuni	
Valejanella	
Ħass	
Scarole	
Oħrajn	
(b) Spinaċi u simili tiegħu	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi	
Oħrajn	
(c) Krexxuni	
(d) Witloof	
(e) Ħwawar	
Maxxita	
Kurrat salvaġġ	
Tursin	
Karfus	
Oħrajn	
(vi) ĦAXIX TAL-LEGUM (friski)	
Ful (bil-miżwed))	
Ful (bla miżwed)	
Piżelli (bil-miżwed)	
Piżelli (bla miżwed)	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individuali li japplikaw għalihom il-MRL	Amitraz li jinkludi metabolites li jkun fihom it-2,4-dimethylaniline moiety mfisser bħala amitraz
(vii) ĦAXIX BIZ-ZOKK (friski)	
Asparagu	
Kardun	
Karfus	
Bużbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
(viii) FAQQIEGĦ	
(a) Faqqiegħ ikkultivat	
(b) Faqqiegħ salvaġġ	
<b>3. Legumi</b>	<b>0,05 (*)</b>
Ful	
Għads	
Piżelli	
Oħrajn	
<b>4. Żrieragħ li minnħom jintgħasar iż-żejt</b>	
Żerriegħha tal-kittien	
Karawett	
Żerriegħha tal-peprin	
Żerriegħha tal-ġuġġien	
Żerriegħha tal-ġirasol	
Żerriegħha tal-lift	
Sojja	
Żerriegħha tal-mustarda	
Żerriegħha tal-qoton	<b>1 (*)</b>
Oħrajn	<b>0,05 (*)</b>
<b>5. Patata</b>	<b>0,05 (*)</b>
Patata bikrija	
Ware potatoes	
<b>6. Te (weraq u zkuk, imnixxef, iffermentat jew xort'oħra, mill-weraq tal-Camellia sinensis)</b>	<b>0,1 (*)</b>
<b>7. Hops (imnixxef) li jinkludi gerbub tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat</b>	<b>0,1 (*)</b>

(\*) Jindika l-limitu l-aktar baxx tal-kalkolu analitiku.

(†) Jekk dan il-livell ma jkunx ikkonfermat jew mibdul minn direttiva, b'effett mill-1 ta' Lulju 2007, għandu jaapplika l-limitu l-aktar baxx xi-eraq tal-kalkolu analitiku."